



13.1.2014

0001/2014

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ġlieda kontra l-kanċer tal-prostata fl-Unjoni Ewropea

**Pavel Poc (S&D), Alojz Peterle (PPE), Nessa Childers (NI), Seán Kelly (PPE), Heinz K. Becker (PPE), Claudette Abela Baldacchino (S&D), Minodora Cliveti (S&D), Edit Herczog (S&D), Sirpa Pietikäinen (PPE), Bart Staes (Verts/ALE), Susy De Martini (ECR), Piotr Borys (PPE), Fiona Hall (ALDE), Marian Harkin (ALDE), Olga Sehnalová (S&D), Danuta Jazłowiecka (PPE), Csaba Sógor (PPE)**

Data ta' skadenza: 13.4.2014

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-ġlieda kontra l-kanċer tal-prostata fl-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>**

1. Il-kanċer tal-prostata huwa l-kawża ewlenija tal-kanċer fl-irġiel, b'417 000 każ ġdid dijanjostikat u 90 000 mewt kull sena.
2. L-użu tat-test tal-antigen speċifiku tal-prostata (prostate-specific antigen – PSA) għall-iskoperta tal-kanċer tal-prostata fi stadju bikri jnaqqas ir-rata ta' mwiet u l-prevalenza tal-metastasi b'mod sinifikanti.
3. L-iskoperta bikrija tal-kanċer tal-prostata tippermetti tnaqqis fl-ispiża tal-kura.
4. L-użu mhux korrett tat-testijiet tal-PSA jista' jwassal għal effetti sekondarji mhux mixtieqa u jkun ta' ħsara għall-irġiel li jkunu qed jiġu kkurati b'mod mhux meħtieġ għal kanċer b'livelli baxxi ta' malinnità.
5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għalhekk mitluba li:
  - jappoġjaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ttestjar u valutazzjoni tar-riskju tal-PSA għall-kanċer tal-prostata,
  - jinkoraġġixxu l-edukazzjoni u l-informazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju u s-sintomi,
  - jippromwovu l-kura tal-kanċer tal-prostata ġestita minn timijiet multiprofessjonali f'ċentri ta' eċċellenza,
  - jappoġjaw kura tal-kanċer tal-prostata komprensiva u mfassla skont il-bżonnijiet tal-pazjent;
  - jappoġjaw ir-riċerka dwar għodod aktar speċifiċi għal skoperta aħjar u distinzjoni bejn gruppi ta' riskju.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.